MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2006

Numru. 281/2005

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND AQUILINA
VS
CHARLENE ATTARD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Charlene Attard, ta’ 18-il sena, bint Peter u Mary Grace nee’ Scicluna, imwielda Birgu fis-26 ta’ Gunju 1986, u residenti Flat 3, Block 4, Triq Luigi Pisani, Kalkara, u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 310586(M), u akkuzata talli fis-27 ta’ Mejju 2004 u t-28 ta’ Mejju 2004, fl-inhawi tar-Rabat, Malta, u B’Kara, bejn it-tmienja ta’ filghaxija u 1:47 ta’ filghodu, bil-hsieb li taghmel hsara lil Conwayne Grech, Johann Fredrick Peter Pace, u lil Zahir sive Wally Risgalla, akkuzat lil dawn il-persuni quddiem awtorita’ kompetenti b’reat, filwaqt li kienet taf li dawk il-persuni huma nnocenti ghall-fatt biss li kienet akkuzathom.

Kif ukoll talli fl-istess lok, hin u data, offendiet il-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku u/jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputata.

Rat il-verbal tat-13 ta' Gunju 2006 fejn l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li tigi gudikata minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata.

Semghet il-konferma tal-istess ammissjoni, wara li l-Qorti tatha zmien ragjonevoli ghal ripensament.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha, din il-Qorti ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza, u wara li rat Artikli 110(2) u 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artiklu 7 tal-Kap 446, tqieghed lill-imputata taht ordni ta' 'probation' ghal tmintax-il xahar, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew 'probation officer' iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tinghata in vista tal-fatt illi l-imputata hija 'a first offender', u ghandha passat sfortunat fis-sens illi kienet giet abbandunata minn ommha u parti sostanzjali tat-trobbija taghha kienet fi hdan istituti karitattevoli tal-knisja. Dan ir-reat gie kommess f'cirkostanzi pjuttost partikolari fis-sens illi l-imputata giet maqbuda tikser il-hinijiet li fihom kellha tidhol fl-istitut u biex tipprova tghatti l-izbalji taghha, ikkommettiet zball ikbar billi ivvintat storja ta' abbuz sesswali.  Din il-Qorti apprezzat il-fatt illi l-imputata, fi stadju l-aktar bikri ta' dawn il-proceduri, ammettiet l-izbalji taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------